



Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11548/18

Fajl Interistituzzjonal:
2017/0347(COD)

CODEC 1363
ENER 288

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (l-ewwel qari)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 194 u 294 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2018².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2018. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 15962/17.

² ĠU C 227, 28.6.2018, p. 103.

³ 10528/18.

5. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jiissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, hekk kif tinsab fid-dokument PE-CONS 46/18;

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
